MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 38/2014

**Dottor Marija Alda Rosser**

**-vs-**

**Direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat prezentat mir-rikorrenti li permezz tieghu qeghdha titlob lil din il-Qorti tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru mitejn u sebgha u tmenin tas-sena elf, disa’

mija u tmienja u hamsin (287/1958), relattiv ghat-twelid taghha huwa skorrett fis-sens illi juri l-isem 'Marija' flok dak korrett 'Maria' u l-kunjom 'Xiberras' flok dak korrett 'Sciberras' u talbet il-korrezzjoni tal-att tat-twelid sabiex kull fejn jinkorri l-isem 'Marija' dan jigi sostitwit bl-isem 'Maria', u kull fejn jinkorri l-kunjom 'Xiberras' dan jigi sostitwit bil-kunjom 'Sciberras' u dan peress li ppremettiet li hija minn dejjem kienet maghrufa bhala 'Maria' u bil-kunjom 'Sciberras' kif tevidenzja dokumentazzjoni prezentata mill-istess rikorrenti;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u d-diversi eccezzjonijiet imressqa minnu.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Settembru, 2014;

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Wara li l-qorti rat id-dokumenti prezentati mir-rikorrenti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati. Infatti rrizulta li r-rikorrenti fil-fatt hija maghrufa bhala 'Maria' u mhux 'Marija' bil-kunjom 'Sciberras' u mhux 'Xiberras' kif fuq kollox jevidenzjaw ukoll id-dokumenti mahruga anki mill-istess Direttur intimat kemm lir-rikorrenti stess kif ukoll lil hutha mill-istess missier.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti lkoll gew ippruvati, u fil-fatt tul is-smiegh lanqas gew ikkontestati, u ghalhekk it-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha.

Tqis ukoll pero' li ma jirrizultax li dan sehh minhabba xi zball li huwa mputabbli lill-intimat b'xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u dan billi :

(a) Tordna lill-intimat sabiex l-isem ta' 'Maria' u l-kunjom 'Sciberras' jigi registrat fl-Att tat-twelid tar-rikorrenti bin-numru mitejn u seghba u tmenin (287) tas-sena elf disa' mija tmienja u hamsin (1958), fis-sens li kull fejn jinkorri l-isem 'Marija' dan ghandu

jigi registrat bhala 'Maria' filwaqt li kull fejn jinkorri l-kunjom 'Xiberras' dan ghandu jigi ndikat bhala 'Sciberras';

(b) Tordna wkoll lill-intimat sabiex dan it-tibdil effettwat fl-att tat-twelid tar-rikorrenti bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless ukoll fi kwalunkwe att jew certifikat sussegwenti fejn fuqu hemm isem u kunjom ir-rikorrenti;

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------